# Ritratt mill-ħajja tas-Snin Ħamsin fis-Siġġiewi

Is-sena l-oħra, f'dan il-magażin, kont tlabt lil min għandu xi ritratti antiki biex jgħaddihomli u jagħtini xi ftit tagħrif dwarhom. Wara l-festa ltqajt ma' Salvu Sammut (Ta' Kikka) li għaddieli dawn ir-ritratti u l-informazzjoni.

Staqsejt lil Salvu għala jgħidulu 'Ta' Kikka'. Huwa fissirli li ommu kien jisimha Katerina u peress li omm ommu (in-nanna tiegħu) kien jisimha Katerina wkoll, lil ommu bdew isejħulha Kikka biex jiddistingwuha minn ommha.

Missieru kien Nazzareno Sammut. Meta talab għal xi tagħrif dwar missieru mill-Insinwa, ma setgħu jsibuh imkien fir-reġistri tat-twelid. Fl-aħħar irnexxielhom isibuh bħala Nazzareno **Zammit**. Ir-raġuni kienet li missier missieru, Karlu, ma kien kuntent xejn bil-kunjom Sammut (min jaf għaliex?) u għalhekk irreġistra lil ibnu bħala Zammit. "Ma kienx żball fil-kitba, imma żball t'apposta", assigurani Salvu.

Salvu wrieni wkoll ritratt ta' nannuh Salvu Vella, missier ommu Katerina (Kikka). Dan Salvu, li miet fis-7 ta' Ġunju 1937, kien jsibuh bħala 'Sangalura'. Kurjuż kif ġie dal-laqam. Peress li Salvu ma kienx jaf ilissen sew 'San Nikola' u minflok kien jgħid 'Sangalura', baqgħetlu hekk!

Salvu tani wkoll ritratt ta' Dun Anton Vella (Iċ-Ċuċka) li kien jiġi ħu Sangalura, jiġifieri ħu nannuh Salvu. Dun Anton kien joqgħod fid-dar fejn jgħix Salvu llum, bieb 'il fuq mill-Aussie Take Away. Minqux fuq ħajt fl-intrata, Salvu qalli li jiftakar l-annu 1732 jew 1729. Dan ifisser li din id-dar tiftakar iż-żmien meta Pietru Felici għamel lil San Nikola tal-pjazza! Salvu qalli li ommu tiftakar lill-pittur Sqalli Carmine Palmieri li kien maqlugħ mill-kappillan ta' dak iż-żmien biex ikompli l-pittura fil-korsija tal-knisja tagħna wara li ħabta u sabta miet Lazzru Pisani. Mid-dehra dan Palmieri, li kien jgħix fis-Siġġiewi ma' martu sakemm dam ipitter fil-knisja, kien iħobb il-qatra ġmielu u sikwit kien ikun fis-sakra!



*Sangalura, in-nannu ta' Salvu*

Qbadna nitkellmu fuq żmien il-Gwerra u d-diskors waqa' fuq ir-refuġjati. "Is-Siġġiewi ġew joqogħdu diversi refuġjati li kont issibhom kullimkien. Ħallew impatt kbir fuq il-ħajja raħlija tagħna," qalli. "L-ewwel mara li rajt liebsa l-qalziet kienet waħda refuġjata!" fissirli. "Kienu huma wkoll li taw spinta biex jitwaqqfu s-Siġġiewi Football Club u l-Iscouts. U kien is-Sur Karm Bonnici – refuġjat fostna - li ħadem mhux ftit biex fis-Siġġiewi jkun hawn l-Azzjoni Kattolika." La konna qed nitħaddtu fuq dak iż-żmien, Salvu spjegali li parti mid-dar fejn joqgħod hu llum, dak iż-żmien kienet spiżerija, magħrufa bħala Ta' Portelli.



***Nikol Bezzina***

Jiftakar ukoll il-purċissjonijiet li kienu jsiru fir-raħal tagħna. Peress li kien joqgħod viċin ħafna tal-knisja, f'xi vjatku kien ikun wieħed mill-ewwel tfal li kien jidħol il-knisja biex jieħu fanal. Karmnu s-Sagristan, peress li Salvu kien jgħinu wkoll idoqq il-qniepen, kien jippreferih u dejjem kien jerfagħlu fanal. Fil-purċissjoni tal-vjatku t-tfal kienu jimxu quddiem b'fanal mixgħul f'idhom, segwiti mis-saċerdot bis-sagrament f'idejh mgħotti b'umbrella miżmuma minn raġel. Waqt il-vjatku n-nies kienu joħorġu fit-triq u jinżlu għarkupptejhom b'sinjal ta' rispett lejn Ġesù Sagramentat. Salvu jiftakar li kienu joħorġu bil-vjatku anki f'kesħa xxoqq il-għadam, fit-toroq miksija bi trab imballat, taħt ftit dawl fit-triq. Bħala tifel, kien imur ma' tifel ieħor tamparu - Ġanninu Aquilina (Ta' Bizzilli) – biex jixegħlu l-iswiċċ tal-bozoz fil-kantunieri minn kaxex li kienu jiftħuhom b'muftieħ jaqbel mal-kaxex kollha. Meta fil-wesgħa ta' quddiem id-dar tal-familja ta' Salvu għamlu bozza kbira fin-nofs, it-tfal kienu jistennew il-venda tal-karozzi tal-linja titbattal – taħt il-kampnar tal-knisja – biex joħorġu jilagħbu b'ballun taċ-ċarruta. Kien għalihom l-ewwel grawnd taħt dawl artifiċjali! U kien grawnd ta' veru għax ma tgħaddix karozza waħda!

Salvu semmieli b'ċertu entużjażmu l-purċissjoni tal-Corpus. "Dawk kienu purċissjonijiet!" qalli bla tlaqliq. "Kienu ikun hemm xi mitejn fratell, l-aktar tas-Sagrament. Il-pjazza kienet tkun imżejna għall-okkażjoni. Minn fejn tgħaddi l-purċissjoni n-nies kienu joħorġu l-isbaħ qsari, fosthom l-ortenz. Ċikku u ħuh Ġużeppi Schembri, żewġ soċji tal-MUSEUM, kienu jiksu wiċċ it-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni b'liedna u sardinell imqatta' li kien jimla t-toroq b'riħa tfuħ. Kien ikun hemm korteo twil ħafna ta' fratelli minn konfraternitajiet differenti, tfal lebsin iż-żimarra jxerrdu l-fjuri fl-art quddiem is-Sagrament, abbatini, saċerdoti, u fuq wara tas-Sagrament, il-membri tal-Għaqdiet reliġjużi bil-bandalora tagħhom, l-Għaqdiet ċiviċi bl-istendardi, u mbagħad il-poplu." Illum battiet sew il-parteċipazzjoni tan-nies; it-tfal biż-żimarra nqatgħu; il-fratelli naqsu bil-bosta; id-drawwa tal-qsari għosfrot. Imma l-anzjani tagħna għadhom jgħożżu f'qalbhom dawn ix-xeni tant sbieħ!

Salvu rrakkontali meta, bħala tifel, kien iġorr xi tarbija waqt funeral. Erba' subien kienu jġorru t-tarbija mejta f'tebut fuq liżar żgħir abjad, b'kull tifel iżomm tarf. Il-karru kien ikun abjad. Qalli b'ċerta diqa: "Ma ninsa qatt xena partikolari:

tebut abjad żgħir fuq tebut kbir – it-tarbija u ommha (Ta' Palapina) mejtin fuq xulxin. Kulħadd jibki għal din it-traġedja li kienet komuni fi żmien tfuliti u li għall-grazzja t'Alla m'għadniex naraw illum."

Mument minnhom Salvu għalaq għajnejh u qalli: "Ħa ngħidlek il-ħwienet fit-triq tagħna. Nibda mill-pjazza, fuq in-naħa tagħna. Fejn illum hemm l-ATM tal-HSBC kien hemm skarpan Salvu Scicluna (Tas-Sagristan) li iktar tard biddlu f'ħanut taż-żraben. 'Il fuq minnu, fejn illum hemm il-'Cookies Confectionery', kien hemm it-Tusu (missier Dun Danjel Schembri) li kien ħajjat u barbier. Fejn illum hemm il-'Ferdinand's Bar' kien is-'Central Bar' ta' Ġużeppi Borg (Tal-Patri) li kien ibigħ inbid bil-flixkun jew bit-tazza (pinta, nofs pinta, terz, jew terz u pinta...). L-inbid kienu jġibuhulu f'bettija kbira fuq karettun miġbud minn żiemel niexef, miskin. Biex il-fliexken inżommuhom friski fis-sajf, peress li ma kienx hawn friġis, konna ndendluhom fl-ilma frisk tal-bir. Il-kumdità tal-lum kienet nieqsa għalkollox!" fissirli Salvu.

"Fil-bidu ta' Triq San Nikola kien hemm il-ħanut tal-merċa ta' Frenċ Farrugia (Tal-Qawwi). Il-'Coronation Bar' ta' Ġużeppi Pace (Iċ-Ċiċċinu), fejn illum hemm il-ħanut ta' bintu Doris, infetaħ fl-1953 meta ġiet appuntu inkurunata r-Reġina Eliżabetta II. Fejn illum hemm il-ħanut 'Ta' Peppa' – ta' Mary Tal-Patri – kien hemm il-ħanut ta' Ġoma, bl-isem ta' 'Travellers Rest'. Dan kien bħal ħanut li t-Taljani jirreferu għalih bħala *trattoria* fejn min kien jgħaddi mis-Siġġiewi kien jieqaf jitqajjar. Ġoma kienet magħrufa għall-ikel tajjeb li kienet issajjar. Sa wara l-Aħħar Gwerra, niftakru għadu miftuħ bħala ħanut tal-ikel u tax-xorb. Lejn il-knisja kien hemm Ġamri Tonna (Taz-Zliz), ħajjat li kien jispeċjalizza fl-ilbies tal-fratelli. Niftakru tgħidx kemm kien jirrabja meta xi ħadd kien imur għandu fl-aħħar ftit ġranet qabel xi festa biex jirranġalu l-konfratija!

'Il fuq fi Triq San Nikola, fuq ix-xellug kien hemm Ċensa Camilleri (Il-Lukkejja) b'ħanut tal-merċa; żewġha Salvu kien sewwieq tat-taxi u bħala delizzju niftakru jdur il-Ħadd u fil-festi bix-xarretta. Faċċata ta' dawn kien hemm il-ħanut tal-laħam ta' Bendu Axisa. Malli ddur mal-ħanut ta' Bendu, 'il ġewwa kien hemm il-forn ta' Ċikku Aquilina, li aktar tard sar magħruf bħala Ta' Ġakka, bintu, flimkien ma' ħutha Marì, Kolin u Tereż. Fid-dar maqtugħa għaliha bejn żewġ daħliet kien joqgħod Dun Ġużepp Camilleri (Tat-Tajjeb) flimkien ma' ħutu Karmnu l-piżatur, Ġużeppi l-arluġġar u Salvu, soċju tal-MUSEUM. Faċċata tiegħu kien hemm Pietru Cassar (Bandallu), ħajjat magħruf u mfittex minn Malta kollha għall-brieret. Fejn illum hemm il-'Granny's', kien hemm il-ħanut tal-merċa ta' Bondina. Quddiemha eżatt kien hemm il-ħanut tax-xorb ta' Ġużeppa Vassallo (Tal-Landi) li wara baqgħet tmexxih bintha Rita. Fejn illum hemm il-Village Jewellers, kien hemm Ġużeppa Ta' Bruġ, imfittxija għall-ikel għal tiġijiet u okkażjonijiet simili. Dawn li niftakar."


Dun Anton Vella, 'Iċ-Ċuċka'

Kont għejejt innizżel id-dettalji, meta "Bil-ħaqq!" qalli fil-pront Salvu. "Insejtlek lil Ta' Martina li kien joqgħod maġenb il-ħanut ta' Ġoma. Peress li dan kien joqgħod qrib il-venda tal-karozzi tal-linja, li kif spjegajtlek kienet taħt il-kampnar, waranofsinhar kien jitla' fil-karozzi - meta ma jkun hemm ħadd fihom - biex jiddiżinfettahom waħda waħda b'pompa wara dahru. Kien hawn il-faqar, Nikol!" spjegali Salvu. "Kien hawn l-għaks li kien iġib il-mard kawżat min-nuqqas ta' iġjene."

La konna nitkellmu fuq tal-linja, Salvu beda jkellimni dwar ix-xarabanks li kellna dak iż-żmien. Ma ftakarx id-dettalji u għalhekk tajt titwila lil Joe Muscat (Il-Megin) li għadda għomru u żmienu fix-xogħol tal-karozzi tal-linja. Joe qalli li b'kollox kellna seba' xarabanks fuq ir-rotta tagħna: it-3114 tal-Megin (Ninu Muscat, proprju missier Joe); it-3306 taċ-Ċali (Charlie Bonnici); it-2308 taċ-Ċafien (Ġużeppi u ħuh Nikola Callus); it-3350 tal-Beżiż (Ġużeppi u ħuh Ninu Callus) li kien xarabank Dilinger li ġabu minn Ħaż-Żebbuġ; it-2800 tal-Gabaj (Frenċ Vassallo) bi sħab mal-Ginna (Karmenu Pace); il-1803 taż-Żigla (Żaren Briffa minn Ħal Qormi); u fl-aħħar il-1764 tal-Istjuward (Pinu Camilleri minn Ħal Qormi wkoll).

Salvu kompla jgħidli li x-xarabank tas-Siġġiewi kien miżbugħ kollu isfar, b'faxxa ħamra mad-dawra tiegħu, bil-kelma 'SIĠĠIEWI' f'nofs il-faxxa ma' tul ix-xarabank. Meta nqatgħu l-kuluri u l-karozzi tal-linja ngħatalhom kulur wieħed, bdew jużaw in-numri, b'tagħna jkun 89. Mal-miġja tal-Arriva, id-89 inbidel u r-rotta tagħna saret it-62. Qrib il-venda kien hemm żewġ pompi tal-petrol: waħda Shell quddiem is-'Central Bar' Tal-Patri, fejn illum hemm il-'Ferdinand Bar', u oħra BP (British Petroleum) fuq ix-xellug fejn illum hemm il-ħanut 'Ta' Peppa'. Dawn iż-żewġ pompi spiċċaw maż-żmien u fir-raħal baqa' biss il-pompa tal-petrol ta' Ċikku Mallia (Taz-Zokkor) li wara bdejna nsibuha bħala l-pompa ta' Peter 'Il-Pipu', peress li Peter, wieħed minn ulied Ċikku, l-aktar li baqa' jieħu ħsiebha. Illum hemm Mario u Frank, ulied Eddie, li qed jieħdu ħsieb din l-unika pompa ġewwa raħalna.

Nagħlaq b'appell lilkom il-qarrejja. Min għandu ritratti u tagħrif interessanti bħal dak li għaddieli Salvu f'dan l-artiklu, napprezza ħafna jekk jgħadduhomli. B'hekk inżommu ħajja l-memorji tar-raħal tagħna fil-passat u nħallu teżor lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.